**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Rikors Numru: 30/2022 MLF**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru: 6/2022 fl-ismijiet:**

**Kasco Limited**

**vs**

**Michael Deguara**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ta' Michael Deguara tat-2 ta' Frar 2022 fejn, ghar-ragunijiet fih premessi, talab lil din il-Qorti sabiex *"tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru su-citat u tordna wkoll li Kasco Limited thallas d-danni lir-rikorrenti stante l-fatti li dan is-sekwestru sar biss biex idejjaq u jivvessa lill-istess esponenti"*.

2. Rat in-nota tas-socjeta intimata Kasco Limited, fejn ghar-ragunijiet fiha premessi, oggezzjonat ghat-talba.

3. Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri, u d-dokumenti ezebiti, kif ukoll hadet konjizzjoni *ex officio* tal-original tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, u tal-atti tal-kawza fl-ismijiet **Kasco Limited vs Michael Deguara** (Avviz Numru 02/2022), pendenti quddiem din il-Qorti, kif preseduta.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

4. Is-socjeta intimata Kasco Limited intavolat proceduri kontra r-rikorrent fejn qed titlob li jigi ikkundannat ihallasha is-somma ta' €10,222,41 rapprezentanti bilanc dovut minnu ghal xiri u provvista ta' prodotti (Avviz Numru: 02/2022). Dawn il-proceduri jinsabu pendenti quddiem din il-Qorti kif preseduta.

5. Kontestwalment ma' dawn il-proceduri civili, is-socjeta intimata talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront tar-rikorrent.

6. Fir-rikors tieghu tat-2 ta' Frar 2022 – mertu ta' dan il-provvediment – ir-rikorrent jissottometti li ma hemm l-ebda relazzjoni bejnu u bejn is-socjeta sekwestratarja Kasco Limited, u li dan il-mandat huwa biss attentat ta' *arm twisting* min-naha tas-socjeta sekwestarja ghaliex ir-rikorrenti huwa direttur u azzjonista ta' socjeta – Colour Image Limited - li fil-passat gieli kienet tixtri minghand is-socjeta sekwestratarja.

7. Ir-rikorrent jghid li originarjament is-socjeta Kasco Limited kienet hadet azzjoni kontra din is-socjeta Colour Image Limited dwar l-ammont li issa qed tippretendi minghandu. Ir-rikorrent jghid li s-socjeta Kasco Limited baghtet ittri, kommunikazzjonijiet u invoices lkoll indirizzati lil Colour Image Limited, u sahhansitra baghtet ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ittra giet kontestata minn Colour Image Limited.

8. Ir-rikorrent jghid li sussegwentement, is-socjeta Kasco Limited intavolat proceduri civili kontrieh, flimkien mal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet fuq premessi, fejn qed tippretendi li r-rikorrent ihallasha l-istess ammont identiku bl-istess invoices precizi li kienu jintbaghtu lil Colour Image Limited bl-istess ammont.

9. In oltre, r-rikorrenti jissottometti li l-ammont pretiz mis-socjeta rikorrenti huwa preskritt ghal aktar minn sena.

10. Ghal dawn ir-ragunijiet, ir-rikorrenti qed jissottometti li l-pretensjoni tas-socjeta intimata Kasco Limited kontrih hija totalment infondata u dan il-mandat kawtelatorju huwa biss intiz sabiex jivvessah u idejjqu, billi jissekwestralu l-kontijiet bankarji tieghu, u qed jitlob ir-revoka ta' dan il-mandat.

11. Min-naha l-ohra, fir-risposta taghha ghal dan ir-rikors, is-socjeta intimata tissottometti li kien ir-rikorrent stess li iffirma ghall-invoices mertu tal-pretensjoni taghha kontrieh, u li dawn l-invoices huma ntestati fuq in-numru tal-VAT registrat f'isem ir-rikorrent personalment. Ghalhekk, hija tissottometti li kienet legalment korretta meta ntavolat il-mandat u l-kawza fl-konfront tar-rikorrent f'ismu personali.

*L-Artikoli 836(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 – L-ammont mhux prima facie gustifikat u m'huwiex ragonevoli li l-mandat in kwistjoni jinzamm fis-sehh*

12. Fir-rikors tieghu, ir-rikorrenti ma indikax taht liema wahda mir-ragunijiet elenkati fl-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Procedura Civili, huwa qed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni. Pero, minn dak li setghet tifhem din il-Qorti mir-rikors promotur ta' dawn il-proceduri, ir-rikorrenti qieghed jissottometti li l-ammont mitlub ma hux prima facie gustifikat u li ma huwiex ragonevoli li l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni jinzamm fis-sehh, u dan ai termini tal-Artikoli 836(1)(d) u (f) tal-Kodici ta' Procedura Civili.

13. Kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed *prima facie* u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet. Ghalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex mehtieg li tifli l-kwistjonijiet li nqalghu bejn il-partijiet, liema ezercizzju huwa mholli meta din il-Qorti tisma' l-kawza fil-waqt xieraq.[1]

14. Il-Qorti sejra tghaddi biex tikkonsidra r-ragunijiet li abbazi taghhom ir-rikorrenti Deguara qed jissottometti li l-ammont minnu pretiz mis-socjeta sekwestranti Kasco Limited mhux wiehed gustifikat.

15. L-ewwel raguni li jaghti ir-rikorrent hija li ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejnu u bejn is-socjeta Kasco Limited. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess mandat mal-kreditu imsemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha

[1] Ara **Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Steward** deciza fid-29 ta' Lulju 2005 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, (*per* Imhallef Joseph R. Micallef).

tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li s-socjeta sekwestranti Kasco Limited ghandhiex bazi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-*"fumus juris"* tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk waslet biex "tillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont mahluf mir-rapprezentant taghha fil-mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ta' azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa d-dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti.[2]

16. Minn dak li jirrizulta mill-atti, il-Qorti hija tal-opinjoni li s-socjeta sekwestranti Kasco Limited ghandha, tajjeb jew hazin, pretensjoni ta' hlas minghand ir-rikorrenti Michael Deguara. Mill-invoices esebiti mill-istess socjeta Kasco Limited jirrizulta li dawn l-invoices jidhru iffirmati minn Michael Deguara f'ismu u inhargu l-isem "Colour Image" fuq in-numru tal-VAT MT 1965-1030. Dan in-numru tal-VAT huwa intestat lil Michael Deguara f'ismu personali, kif jirrizulta mis-sit tal-Kummissjoni Ewropea – screenshot ta' dan is-sit li juri li dan in-numru tal-VAT jghajjat lil Deguara f'ismu personali gie anness mar-risposta tas-socjeta sekwestranti. Dan l-iscreenshot gie verifikat mill-magistrat personalment li qed tippresjedi din il-Qorti, li fittxet dan in-numru tal-VAT fuq dan is-sit. Fil-fatt minn din ir-ricerka jirrizulta wkoll li l-kliem "Colour Image" huwa l-isem tal-fond tal-indirizz fejn ir-rikorrent huwa registrat ghal finijiet tal-VAT.

17. Huwa vera li r-rikorrent Deguara esebixxa ittra ufficjali mahruga ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fid-9 ta' Settembru 2021, fejn is-socjeta Kasco Limited talbet ammont identiku a bazi tal-istess invoices lis-socjeta Colour Image Limited. Pero li kieku din il-Qorti, f'dan il-waqt, taghti decizjoni dwar jekk huwiex minnu jew le li s-socjeta sekwestranti ghandha dritt li tesigi hlas minghad ir-rikorrenti personalment jew minghand is-socjeta Colour Image Limited, jew jekk dan l-ammont hux preskritt, tkun qieghda tiddeciedi l-qofol tal-mertu tat-talba fl-avviz tal-kawza li tinsab pendenti quddiem din il-Qorti kif preseduta, u b'hekk tmur lill'hinn mill-parametri li hija mistennija tidhol fihom fi procedura bhal din. Jerga' jinghad

[2] Ara **Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Steward** deciza fid-29 ta' Lulju 2005 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, (*per* Imhallef Joseph R. Micallef).

hawnhekk li dan l-accertament ma ghandu bl-ebda mod ifisser li s-socjeta sekwestranti irnexxiela tipprova fil-meritu li r-rikorrenti Deguara huwa debitur taghha fl-ammont minnha indikat, imma biss li dak li trid tissalvagwarda bil-hrug tal-mandat inghata minnha tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru.

18. Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tilqa' dan ir-rikors fuq din il-kawzali li l-ammont mhux *prima facie* gustifikat.

19. Jidher ukoll li r-rikorrenti Deguara qieghed jissottometti wkoll li l-mandat ghandu jigi revokat ghaliex mhux ragonevoli li fic-cirkostanzi l-mandat jinzamm fis-sehh. Fir-rikors tieghu, Deguara ma elaborax fuq din ir-raguni, pero minn dak li setghet tifhem din il-Qorti, ir-rikorrenti qieghed jibbaza din is-sottomissjoni tieghu fuq il-premessa li l-mandat hu ingustifikat u l-fatt li konsegwenza ta' dan il-mandat huwa qed isofri pregudizzju ghax se jkollu l-kont bankarju tieghu iffrizat ghal snin twal.  Pero, lanqas din m'hi raguni tajba sabiex il-mandat jigi revokat.

20. Naturalment, il-mandat ta' sekwestru taht ezami wegga' lir-rikorrent.  Il-Qorti ma kienitx tistenna li jitressaq ir-rikors promotur odjern kieku dan ma kienx il-kaz. Dan il-fatt wahdu, m'huwiex raguni biex il-mandat jitnehha. Il-bilanc li l-Qorti trid tilhaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra taghha ssir il-pretensjoni, jrid jigi meqjus fid-dawl li l-mandat kawtelatorju huwa min-natura tieghu, protezzjoni bikrija mahsuba bil-ligi sakemm il-kwistjoni tigi mistharrga kif imiss fil-meritu. Ma jrid jintesa qatt li l-ghan tal-mandat kawtelatorju huwa dak li "jiffriza" l-qaghda sakemm il-kwistjoni tigi mistharrga kif ghandu jkun fil-mertu.

21. Il-Qorti tifhem sewwa li r-rikorrent Deguara qieghda igarrab hsara kontinwa bil-mandat fis-sehh ma kull jum li jghaddi. Din il-hsara ma tistax madanakollu tkun ir-raguni biex il-mandat jitnehha. Kieku l-ligi kellha titfisser b'dan il-mod, l-ebda mandat effettiv ma jibqa' fis-sehh ladarba jigi muri li l-parti intimata f'dak il-mandat tkun qieghda tbati.[3]

[3] Ara **Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Steward** deciza fid-29 ta' Lulju 2005 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, (*per* Imhallef Joseph R. Micallef).

22. Konsegwentement lanqas din il-kawzali ma hi raguni valida ghaliex il-mandat ghandu jigi revokat.

*L-Applikazzjoni tal-Artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12*

23. Fir-rikors tieghu, ir-rikorrent Deguara talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta Kasco Limited thallas id-danni li gew kagunati lilu kawza ta' dan il-mandat ta' sekwestru. Apparti li r-rikorrent ma ressaq l-ebda prova ta' x'inhuma dawn id-danni li qed jippretendi li sofra, la darba ghar-ragunijiet fuq moghtija, din il-Qorti waslet ghal konkluzjoni li dan il-mandat la hu *prima facie* mhux gustifikat jew eccessiv, u lanqas ma ntwera li fic-cirkostanzi jkun ragonevoli li l-mandat jitnehha, din il-Qorti ma tistax logikament tikkundanna lis-socjeta sekwestranti ghal hlas ta' xi danni minhabba l-hrug ta' dak il-mandat.

**Konkluzjoni**

24. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent Michael Deguara fir-rikors tieghu tat-2 ta' Frar 2022, bl-ispejjez kontra tieghu.

**Provvediment moghti kameralment illum 8 ta' Gunju 2022**

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**